II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/2317

tal-11 ta' Novembru 2021

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ([1]) (il-"Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 ([2]) u daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2017. Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (il-"Protokoll attwali") ġie applikat b'mod proviżorju mill-14 ta' Ottubru 2016 ([3]).

(2) Il-Protokoll attwali ġie estiż għal sena ([4]) u għandu jiskadi fit-13 ta' Novembru 2021.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2020, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Gvern tal-Gżejjer Cook għall-konklużjoni ta' Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ("il-Protokoll").

(4) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, ġie inizjalat il-Protokoll fit-28 ta' Lulju 2021.

(5) Fil-11 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/2317 ([5]) rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.

(6) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perijodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

(7) Minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Cook u fid-dawl tal-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawk l-attivitajiet mal-iskadenza tal-Protokoll attwali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

([1]) ĠU L 131, 20.5.2016, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/418 tat-28 ta' Frar 2017 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 1).
([3]) ĠU L 289, 25.10.2016, p. 1.
([4]) ĠU L 395, 25.11.2020, p. 1.
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2317 tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (ĠU L 463, 28.12.2021, p. 1).

(8) Il-Protokoll se jibda japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (il-"Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:

— Spanja: tliet bastimenti

— Franza: bastiment wieħed

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-17 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. POČIVALŠEK